MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 217/2012

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Debono Carmen**
**ID-592278(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€750.80c) skond il-prospett hawn anness u mmatkat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni u cioe' dak televiziv, ta' l-internet u tat-telefon numru tal-kont A/C40148613, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici, u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€750.80c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------